MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-26 ta' April, 2006

Appell Kriminali Numru. 44/2006

**Il-Pulizija**

***Versus***

**Paul Polidano u Carmel Polidano**

Dan l-appell huwa dwar jekk tiswiex sentenza mogħtija fl-assenza tal-mixli, ukoll jekk tkun sabitu mhux ħati. L-appell sar mill-Avukat Ġenerali.

L-appellati Paul u Carmel Polidano kienu mixlija talli, fil-kwalità tagħhom ta' diretturi u/jew rappreżentanti tas-soċjetà *Riviera Resort Ltd* (C23519) b'uffiċċju reġistrat *Polidano Bldgs*, Triq Ħal-Farruġ, Luqa, u/jew bħala l-persuni li kienu inkarikati mill-*employer* ta' Alfred Incorvaja sabiex iħallsu l-pagi dovuti, naqsu li jħallsu l-pagi kollha sas-16 ta' Jannar 2005, b'kollox mitejn u erbgħa u għoxrin lira u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm224.24), dovuti lil Alfred Incorvaja fit-tmiem ta' l-impieg tiegħu fis-16 ta' Jannar 2005, bi ksur ta' l-artt. 5, 15 u 45 ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali ġKap. 452ħ.

B’sentenza tal-20 ta’ Frar 2006 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali sabet illi l-appellati ma kinux ħatja ta’ l-akkużi miġjuba kontra tagħhom u illiberathom.
L-Avukat Ġenerali appella minn dik is-sentenza b’rikors tat-2 ta’ Marzu 2006 u talab illi din il-qorti tħassar is-sentenza, issib ħtija u tinfliġġi l-piena skond il-liġi.
L-aggravju ta’ l-Avukat Ġenerali hu illi dakinhar tal-kawża l-appellati ma dehrux iżda l-proċeduri xorta tkomplew, bi ksur tal-liġi, kontra Joe Fenech fl-assenza ta’ l-akkużati li ġew liberati.
Fil-fatt, mill-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Frar 2006 quddiem l-ewwel qorti, jidher illi dakinhar deher l-ispettur tal-pulizija li mexxa l-prosekuzzjoni u deher ukoll Joe Fenech li dwaru l-verbal igħid illi “qed jassumi r-responsabbiltà ta’ l-atti”. Wara li nstemgħu x-xhieda u saret trattazzjoni, is-sentenza ngħatat dakinhar stess, u tgħid “illi wara li semgħet ix-xhieda prodotta u eżaminat id-dokumenti eżebiti, din il-qorti mhix qiegħda ssib lill-imsemmi(ja) imputati ħatja ta’ kif akkużati u tilliberahom”.
L-argument ta’ l-Avukat Ġenerali hu illi huwa prinċipju ta’ ordni pubbliku illi l-proċeduri kontra min hu mixli bi ksur ta’ liġi penali għandhom isiru fil-preżenza tal-mixli, u, jekk il-proċeduri jitmexxew u s-sentenza tingħata fl-assenza tiegħu, kemm il-proċeduri kif ukoll is-sentenza ma jkunux jiswew.
Dan l-argument huwa tajjeb.
L-artt. 374(*b*) u 375(*b*) tal-Kodiċi Kriminali jagħtu lill-qorti s-setgħa li teħles lill-imputat milli jidher huwa nnifsu u li tippermetti li jidher ħaddieħor floku fil-każijiet ta’ kontravvenzjoni biss, u mhux ukoll f’każijiet ta’ delitt. Fil-każ tallum l-akkuża kontra l-appellati nġiebet taħt l-artt. 5,15 u 45 tal-Kap. 452. Il-piena taħt l-art. 45 tal-Kap. 452 hija ta’ multa, li, skond l-art. 7(1) tal-Kodiċi Kriminali, hija piena għal delitt, mhux kontravvenzjoni. Għalhekk igħodd għall-każ l-art. 375(*a*) tal-Kodiċi Kriminali li jrid illi l-imputat jidher huwa nnifsu.
Il-ħtieġa li l-imputat jidher huwa nnifsu hija ħtieġa ta’ ordni pubbliku u, jekk ma titħarisx, twassal għan-nullità assoluta tas-sentenza[1].

---

1 Ara **Il-Pulizija *versus* Gerald Abdilla**, App. Krim. 5 ta’ Gunju 1996.

Waqt it-trattazzjoni orali ta’ l-appell, l-appellati ressqu l-argument illi, ladarba kien hemm akkwijexxenza tal-prosekuzzjoni fit-tmexxija tal-proċeduri fl-assenza tagħhom, ma jistax issa l-Avukat Ġenerali jistrieħ fuq dak l-aggravju.
Ladarba, iżda, il-ħtieġa tal-preżenza ta’ l-imputat hija waħda ta’ ordni pubbliku, ma tistax titħassar bl-akkwijexxenza tal-partijiet, u wisq anqas ta’ parti waħda.
L-appellati qalu wkoll illi, fil-proċeduri quddiem l-ewwel qorti, il-mixli kienet is-soċjetà *Riviera Resort Limited*, li għaliha deher Joe Fenech, u għalhekk ma jistax jingħad illi l-imputat ma kienx preżenti waqt is-smigħ u meta ngħatat is-sentenza.
Dan l-argument, iżda, huwa ħażin. L-art. 46 tal-Kap. 452 jagħmilha ċara illi, ukoll meta r-reat isir minn soċjetà, kull persuna illi, bħall-appellati, kienet, fiż-żmien li jkun sar ir-reat, direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor bħal dawk ta’ dik is-soċjetà, jew kienet tidher li qiegħda taġixxi f’xi kariga bħal dik, titqies li tkun ħatja ta’ dak ir-reat. Fi kliem ieħor, ir-responsabbiltà penali hija personali, u l-appellati kienu mixlija f’isimhom stess u mhux f’isem is-soċjetà; għalhekk kellhom jidhru huma nfushom, u mhux xi ħadd f’isem is-soċjetà.
L-appell għalhekk jixraq li jkun milqugħ, u l-qorti tħassar is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-20 ta’ Frar 2006.
Għalkemm l-art. 428(3) tal-Kodiċi Kriminali jagħti lil din il-qorti s-setgħa illi tiddeċiedi l-kawża fuq il-meritu meta ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalità li trid il-liġi taħt piena ta’ nullità, jew li tkun xort’oħra sostanzjali, fil-każ tallum, ladarba s-smigħ kollu quddiem l-ewwel qorti ma kienx regolari, huwa xieraq illi l-atti jintbagħtu lura quddiem l-ewwel qorti sabiex isir is-smigħ quddiemha kif trid il-liġi u hekk il-partijiet ma jkunux imċaħħda mill-benefiċċju magħruf bħala tad-“*doppio esame*”. Tordna wkoll illi tintbagħat kopja ta’ din is-sentenza lill-ewwel qorti kif irid l-art. 428(8) tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------